

- 4) The National Farmers' Union (NFU) u Agricultural Industries Confederation Ltd kif ukoll Stichting De Bijnenstichting għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- 5) Ir-Renju tal-Isvezja għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħi.

(¹) ĠU C 381, 22.10.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – Il-Pajjiż l-Baxxi) – X vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Purmerend

(Kawża C-120/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport intern tal-merkanzija perikoluża – Direttiva 2008/68/KE – Artikolu 5(1) – Kunċett ta' “rekwiżit ta' kostruzzjoni” – Projbizzjoni li jiġu previsti rekwiżiti ta' kostruzzjoni iktar stretti – Awtorità ta' Stat Membru li timponi fuq stazzjon ta' pompi tal-petrol li ma jiġix ipprovdut gass likwifikat miż-żejt (LPG) ħlief minn vetturi bit-tank li jkollhom kisi ta' protezzjoni mis-sħana partikolari mhux previst mill-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) – Illegalità – Deċiżjoni li ma tistax tiġi kkontestata fid-dritt minn kategorija ta' partijiet fil-kawża – Possibbiltà strettament limitata sabiex jinkiseb l-annullament ta' tali deċiżjoni f'każ ta' kuntrarjetà manifesta mad-dritt tal-Unjoni – Princípjtu ta' ċertezza legali – Princípjtu ta' effettivitā

(2021/C 278/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: X

Konvenut: College van burgemeester en wethouders van de gemeente Purmerend

fil-preżenza ta': Tamoil Nederland BV

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, kif emadata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/103/UE tal-21 ta' Novembru 2014, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-istipulazzjoni ta' rekwiżiti ta' kostruzzjoni iktar stretti minn dawk li jinsabu fl-Annessi A u B tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq, konkluż f'Genève fit-30 ta' Settembru 1957, fil-verżjoni tiegħi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015, bħal rekwiżit, impost mill-awtoritajiet ta' Stat Membru fuq stazzjon ta' pompi tal-petrol skont deċiżjoni amministrattiva li tieħu l-forma ta' permess ambientali, li jingħata provvista f'gass likwifikat miż-żejt biss permezz ta' vetturi bit-tank mgħammra b'kisi ta' protezzjoni mis-sħana partikolari bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 2) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettivitā, ma jipprekludix regola proċedurali tad-dritt amministrattiv nazzjonali li tipprevedi li, sabiex rekwiżit li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni impost minn deċiżjoni amministrattiva li bħala prinċipju ma tistax tiġi kkontestata fid-dritt minn kategorija ta' partijiet fil-kawża jkun jista' jiġi annullat minħabba n-natura mhux eżegwibbli tiegħu kieku kien ġie implimentat permezz ta' deċiżjoni sussegħenti, il-parti fil-kawża għandha tistabbilixxi li r-rekwiżit inkwistjoni b'mod ċar ma setax, abbażi ta' eżami sommarju li ma jħalli lok għal ebda dubju, jiġi adottat fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, bla ħsara madankollu, hekk kif il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika, li din ir-regola ma tigħix applikata b'mod strett sa tali punt li tkun illużorja, fil-fatti, il-possibbiltà għal parti fil-kawża li tikseb l-annullament effettiv tar-rekwiżit inkwistjoni.

(¹) ĠU C 155, 6.5.2019.